**Kunsill Lokali Żejtun**
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

**ŻEJTUN**
*Citta' Beland*
Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | |
|---|---|---|
| **Seduta** | 12/11 tas-sitt Kunsill Lokali elett Marzu 2008 | |
| **Data** | 15-12-2011 fis-6.30pm | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar Iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369 | |
| **Attendenza** | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | Viċi Sindku Joan Agius | Preżenti |
| | Camilleri Claude | Prezenti |
| | Darmanin Richard | Assenti |
| | Fenech Stephanie | Assenti |
| | Hales Joseph | Prezenti sat-7.45pm |
| | Pace Darrell | Prezenti mis-7.15pm |
| | Seychell Anthony | Preżenti |
| | Wille Piscopo Elisabeth | Prezenti sat-8.00pm |
| **Prezenti** | Segretarju Ezekuttiv Anton Falzon | |
| | Assistent Principal Caroline Schembri | |

**12. 1.** **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** |
|---|---|---|---|
| | | Proponent: Seychell<br>Sekondant: Wille Piscopo | **Il-Kunsill qara u approva nem.com il-punti li gew prezentati b'riferenza nru. 11/11.** |

**12. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 12. 2. 1 | 11.2.3 | Sindku: Rapport dwar il-Power Station | Is-Sindku ta rapport lill-Kunsill dwar l-ahhar laqgha li saret dwar il-Power Station il-gdida f'Delimara. Huwa informa l-Kunsill li l-power station ghandha l-permessi mehtiega biex tiffunzjona ghal disa' xhur mill-1 ta' Jannar 2012 biex jigi ppruvat il-makkinarju li jikkontrolla l-emmissjoniijiet. **Il-Kunsill qabel li jkun rapprezentat fuq il-Bord tal-Kontroll ta' l-emissjonijiet permezz ta' rapprezentant wiehed f'isem il-Kunsilli Lokali taz-Zejtun, B'Bugia, M'Xlokk u Hal Ghaxaq. Fuq proposta tas-Sindku issekondata mill-Vici-Sindku il-Kunsill qabel li jahtar lill-Eng A. Ciantar sabiex ikun fuq il-Bord.** | Sindku |
| 12. 2. 2 | 11.2.5 | Sindku: Vjal 25 ta' Novembru | Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-bierah regghet inqalghet kwistjoni fi Vjal 25 ta' Novembru ma' driver ta' l-Arriva u vettura tas-sigurta' tas-City Security li jkun qed jigbor il-flus mill-fergha ta' l-HSBC, peress li d-driver ta' l-Arriva beda jargumenta li ma jghaddiex bix-xarabank meta fil-fatt seta' jghaddi facilment. Il-Kunsillier Darmanin ghamel statement fl-ghassa tal-Pulizija u sar rapport ukoll lill-kumpanija Arriva. Is-Sindku spjega li la darba isir il-wicc ta' Vjal 25 ta' Novembru, naraw x'jista jsir fuq il-bankina ta' l-istess triq. | Sindku<br>Darmanin |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 12. 2. 3 | 11.2.8 | Sindku: Attivitajiet fi Gnien San Girgor | Is-Sindku rraporta lill-Kunsill li l-attivita tal-Christmas Village fi Gnien San Girgor saret u din kienet success. | Fenech |
| 12. 2. 4 | 11.2.14 | Sindku: Xoghlijiet taht l-iskema PPP | Is-Sindku informa lill-Kunsill li Triq Lvant tlestiet. Wara l-festi tal-Milied ser jinbeda x-xoghol fuq Triq il-Helsien. Hales qal li hemm partijiet minn toroq li huma respopnsabilta' tal-Gvern Centrali parti minn Triq Antonio Micallef u Misrah Ta' Pizzuta. Hales staqsa wkoll jekk jistax jittella l-ħajt li twaqqa f'accident tat-traffiku fi Triq President A. Buttigieg. Il-Kunsill qabel li dan huwa privat u ghadha ma nqaghatx is-sentenza mill-Qorti. | Sindku |
| 12. 2. 5 | 11.3.1 | Viċi-Sindku: Noise Pollution | Il-Viċi-Sindku iltaqghet ma' l-Eng. Fenech fejn dan ta spjega tan-noise pollution u talab lill-Kunsill sabiex igib il-poplu konxju tan-noise pollution. Ħareġ ċar li l-pulizija m'ghandiex kriterji li tohrog citazzjonijiet f'dan ir-rigward. | Vici-Sindku |
| 12. 2. 6 | | Sindku: Financial Accounts | Is-Sindku ta spjegazzjoni dwar allegazzjoni li l-financial accounts gew sottomessi fil-hin izda l-management letter mill-Awdituri saret tard b'konsegwenza li l-Kunsill gie penalizzat multa ta' €10,000. Dwar dan qed isir protest mal-Gvern Centrali. | Sindku |
| 12. 2. 7 | | Vici-Sindku: Inizjattivi | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill dwar zewg inizjattivi: involviment tal-persuni b'dizabilta' u early birds. Dwar l-ewwel inizjattiva, il-Kunsill ilu ghal snin twal jinvolvi l-persuni b'dizabilita fil-hdima tieghu. Filwaqt l-inzjattiva early birds li ser ikun jitratta hinijiet qabel tibda l-iskola sabiex il-hidma tal-mara fil-komunita' tkun inkuraggita, il-Kunsill ghandu bzonn ikun jaf aktar informazzjoni ta' kif ser tithaddem u tigi implimentata din is-sistema. | |
| 12. 2. 8 | 11.8.1 | Seychell: Grupp Filatelija | Seychell ippropona lill-Kunsill li f'gheluq l-ghaxar snin mit-twaqqif tal-Grupp Filatelija, f'Jannar li gej, l-istess grupp johrog postcard filatelika. **Il-Kunsill approva.** | Seychell |
| 12. 2. 9 | 11.8.4 | Vici-Sindku: Tfal Jadottaw Anzjan | Il-Vici-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-gheluq tal-progett pilota 'Tfal Jadottaw Anzjan' ser issir fl-4 ta' Jannar 2012. | Vici-Sindku |
| 12. 2. 10 | 11.8.8 | Vici-Sindku: noticeboards | Is-Sindku inkariga lill-Vici-Sindku dwar il-manutenzjoni tan-noticeboards. Hales issugerixxa li jsiru noticeboards fi Gnien ic-Crieki, fejn l-ufficcji tal-Kunsill Lokali u fejn il-latrini ta' Gnien San Girgor. **Il-Kunsill qabel li ghalissa issir il-manutenzjoni tan-noticeboards ezistenti.** | Vici-Sindku |

## 12. 3. Korrispondenza

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML12/11. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 3. 1 | 06 | A. Desira: Progett 'Nanniet' | Il-Viċi-Sindku tat spjegazzjoni tal-progett imniedi flimkien ma' l-FES dwar l-involviment tan-nanniet fir-rigward ta' l-edukazzjoni informali tan-neputijiet. **Il-Kunsill qabel li dan il-progett isir.** | Viċi-Sindku |
| 12. 3. 2 | 07 | Arcipriet u Residenti: Protest | Il-Kunsill ircieva protest ghal PA1682/11 dwar hanut f'Misrah Indipendenza sabiex jigi konvertit f'hanut tal-loghob. Il-permess jidher li gie quddiem il-Mepa f'Settembru 2011 izda qatt ma wasal quddiem il-Kunsill ghall-kummenti. Il-Kunsillier Pace issugerixxa li jsir rikors il-Qorti peress li l-Kunsill qatt ma rcieva korrisondenza dwar dan. **Il-Kunsill qabel li jibghat kopja tal-protest lill-MEPA.** | Segretarjat |
| 12. 3. 3 | 08 | Ghaqda Muzikali Beland: Attivitajiet f'Mejju 2012 | **Il-Kunsill approva l-attivitajiet ta' l-Ghaqda Muzikali Beland fi Pjazza s-Suq bejn it-13 u l-20 ta' Mejju 2012.** L-Erbgha irid jitnehha l-ingombru kollu peress li f'din il-gurnata jarma s-Suq u m'ghandux jithalla armar fit-toroq ta' madwar. L-Ghaqda trid toqghod ghar-regolamenti tal-Pulizija. | |

## 12. 4. Ħlasijiet

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni |
|---|---|---|---|
| 12. 4. 1 | | Tabella tal-Hlasijiet 11/11 u 12/11 | **Il-Kunsill approva nem.con li jhallas ghas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rapprezentant tal-Kunsill.** |
| 12. 4. 2 | | Tabella tal-Hlasijiet 11/11 u 12/11 | **Il-Kunsill approva nem.con il-hlas tal-kontijiet l-ohra skond kif jidher fit-tabella tal-hlasijiet 11/11 u 12/11 bil-verifiki mehtiega kif indikat fuq l-istess tabella.** |
| 12. 4. 2 i | | Il-Kunsill qabel sabiex jinghata rendikont ta' nru. 57 qabel jithallas il-kont. | |
| 12. 4. 3 | | Talbiet ghal Xiri 11/11 u 12/11 | **Il-Kunsill aprova nem.con il-lista ta' ordnijiet ghal xiri ta' xoghlijiet, oggetti jew servizzi.** |
| 12. 4. 4 | | Petty cash - Novembru 2011 | **Il-Kunsill approva nem.con il-lista tal-petty cash ta' Novembru 2011 hekk kif prezentata, li kien jammonta ghal €202.66** |

## 12. 5. Rapport Finanzjarju Lulju -Settembru 2011

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 5. 1 | | Segretarjat: Rapport Finanzjarju | Is-Segretarjat ipprezenta lill-Kunsill ir-rapport finanzjarju ghat-tielet kwart tas-sena finanzjarju Lulju-Settembru 2011. | |
| 12. 5. 2 | | | Is-Segretarju Ezekuttiv ta rapport dettaljat tad-dhul tal-Kunsill li jinsab f'pagna 1. | |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 12. 5. 3 | | | Inghata rendikont ukoll ta' l-infiq fejn gie innutat li l-ispiza ta' l-operat qeghda dejjem tizdied. Is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni li l-waste disposal account qabez is-somma allokata mill-Gvern Centrali b'€5,875. **Il-Kunsill qabel li dan l-ammont m'ghandux jithallas lill-WasteServ.** | |
| 12. 5. 4 | | | Gie innutat li kien hemm varjanza ta' 7% dwar ix-xoghol taht l-iskema PPP fi Triq Bisqallin. | |
| 12. 5. 5 | | | **Il-Kunsill approva nem.con ir-rapport finanzjarju hekk kif prezentat. Hawnhekk is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw ir-rapport li jkopri Lulju-Settembru 2011.** | |

**12. 6. Photovoltaic Panels fil-Kunsill**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 11. 6. 1 | | Sindku | Is-Sindku informa lill-Kunsill li x-xoghol ta' installazzjoni ta' pannelli fotovoltajici fuq il-bejt ta' l-ufficini tal-Kunsill inbeda. Dan ser jiswew lill-Kunsill €9,000 izda ser ninghataw grant ta' €8,300 minghand il-Gvern Centrali. | **Sindku** |

**12. 7. Affarijiet Ohra jekk meqjusa urgenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 12. 7. 1 | | Sindku: Artijiet mitluqa | Is-Sindku ipprezenta lill-Kunsill rapport imhejji mill-Kunsillier Hales dwar plots mitluqa. **Il-Kunsill qabel li dan ir-rapport ghandu jghaddi lill-Mepa sabiex jittiehdu l-passi necessarji.** | |
| 12. 7. 2 | | Wille Piscopo: Bus Stops | Wille Piscopo talbet sabiex jitnaddfu l-bus stops. Din it-talba giet milqugha. | |
| 12. 7. 3 | | Sindku: Ilma ghat-tisqija | Is-Sindku fakkar lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni ta' l-ilma gieri ghat-tisqija mill-impjant ta' Sant'Antnin li spicca. Dan gara peress li tminn snin ilu intefa drenagg imhallat bl-ilma bahar. L-impjant ma kienx intenzjonat li jsaffi l-melh u l-bdiewa ma setghux juzawh. Issa l-impjant f'Ta' Barkat tax-Xghajra qed isaffi d-drenagg li jintefa il-bahar. Is-Sindku kompla jispjega li hemm il-bzonn li parti mill-ilma li qed jintrema l-bahar ghandu jigi msoffi mill-melh biex isir ilma helu u jintefa fil-gibjun vicin ta' San Anard biex finalment jispicca ghand il-bdiewa permezz tas-sistema tal-pompi u gibjuni li huma mqabbda mas-sistema ta' Sant'Antnin. **Il-Kunsill qabel nem.con li din il-proposta ghandha titressaq quddiem il-KSI sabiex tinghata priorita'.** | |
| 12. 7. 4 | | Pace: Tabelli | Pace gibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar tabelli li saru godda u diga' telqet z-zebgha minn fuqhom. | Hales |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 12 7 5 | Camilleri: Slide lill-Iskola Primarja | **Il-Kunsill approva l-ghajnuna ghax-xiri ta' slide ghal playground tal-kindergarten ghall-prezz ta' €250.** | Camilleri |
| 12. 7. 6 | Camilleri: Entratura tal-librerija | Camilleri talab sabiex isir embellishement ta' l-entratura tal-librerija bhal: aperturi u faccata, tabelli li jindikaw il-librerija. **Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta kif ukoll li jizdied l-ixkaffar fl-istess librerija.** | Camilleri |
| 12. 7. 7 | Seychell: Kuncert tal-Milied | Seychell fakkar lill-Kunsillier fil-kuncert annwali tal-Milied li ser isir fil-Knisja Parrokkjali nhar id-29 ta' Dicembru mill-Grupp Enkor. | Seychell |
| 12. 7. 8 | Seychell: Graffiti | Seychell gibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar graffiti fuq wara tal-Gnien tal-Kmandant fi Triq Xrobb l-Ghagin. | |
| 12. 7. 9 | Seychell: Patching | Seychell talab sabiex isir xoghol ta' patching fi Triq Dun Spir Grixti u fi Triq Qalb ta' Gesu' taht il-bankina quddiem dar Twilight. Il-Kunsill laqa' dawn it-talbiet. | Sindku |
| 12. 7. 10 | Vici-Sindku: Attivitajiet | Il-Vici-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-wirja tal presepji fic-Centru Arti u Artigjanat issa inqalbet f'wirja ta' crafts. Ghal wira tal-presepji kien hemm 18 -il partecipant. Ghal din il-wirja kien hemm grupp minn SVDP. Hanwhekk il-Vici-Sindku talbet sabiex ic-Centru Arti u Artigjanat isir accessibli ghal kulhadd. | Vici-Sindku |
| 12. 7. 10 i | | L-attivita' ta' Ghawdex li saret fit-13 ta' Dicembru intlaqghet tajjeb. Ghaliha attendew 2 coaches. | Vici-Sindku |
| 12. 7. 10 ii | | Il-Kunsill approva li jsiru lezzjonijiet ta-drama ghat-tfal sa 16 -il sena. | Vici-Sindku |
| 12. 7. 10 iii | | Il-party tat-tfal ser isir nhar is-Sibt 17 ta' Dicembru fis-Sala Parrokkjali fit-3.00pm. | Vici-Sindku |
| 12. 7. 10 iv | | Fis-27 ta' Jannar ser issir harga ghall-familja filwaqt li bejn l-10 u t-12 ta' Frar ser isir weekend break fil-lukanda Topaz. | Vici-Sindku |
| 12. 7. 11 | Vici-Sindku: Website | Il-Vici-Sindku talbet sabiex isir update frekwenti ta' l-attivitajiet fuq il-website tal-Kunsill. Din it-talba giet milqugha. | Segretarjat |
| 12. 7. 12 | Vici-Sindku: Road Markings | Il-Vici-Sindku fakkret sabiex isiru r-reserved parkings fi Triq Kastellan u Triq Guzeppina Curmi filwaqt li Seychell fakkar fil-motor cycle parking bay ta' Triq Mikiel Cachia. | Seychell |
| 12. 7. 13 | Vici-Sindku: Dipartiment ta' l-Edukazzjoni | Il-Vici-Sindku gharrfet lill-Kunsill li saret registrazzjoni mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni peress li l-Kunsill jorganizza korsijiet li jistghu jitnizzlu fil-kurrikulum tat-tfal bhala attivitajiet extra kurrikulari. | |
| 12. 7. 14 | Vici-Sindku: Boroz hodor | Il-Vici-Sindku infurmat lill-Kunsill li t-tqassim tal-boroz il-hodor ghal gbir ta' skart reciklabbli ser isir fil-bidu ta' Jannar. | Vici-Sindku |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 12. 7. 15 | Camilleri: Zebra Crossing | Camilleri fakkar lill-Kunsill dwar it-talba ghal zebra crossing quddiem is-St. Catherine Pharmacy fi Triq il-Qadi k/m Triq Bugharbiel filwaqt li l-Vici-Sindku talbet ghal 2 zebra crossings fi Triq il-Labour: wahda hdejn il-bandli u l-ohra fil-vicinanzi ta' Triq Tamburin. | Sindku |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa 9.00p.m. Laqgħa oħra ser issir nhar il-Ħamis 19 ta' Jannar 2012 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Żejtun fis-6.00p.m.

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv